MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 838/2003

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Angie Fenech Adami u zewgha**
**Michael Fenech Adami**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' April, 2003, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u zewg liri Maltin (Lm602) rappresentanti l-import ta' tmien kambjali, wahda ta' Lm70 (bilanc), sitta ta' Lm75-il wahda u wahda ta' Lm82, debitament accettati u skaduti minn Frar 2002 sa Settembru 2002 rispettivament u mhux imhallsa, annessi ma'l-avviz u immarkati bhala dokumenti numri 1 sa 8 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-ispejjez, inkluzi Lm6 tal-konsult legali u bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 ta' April 2003

jammontaw ghal Lm48, oltre imghax ulterjuri kontra l-konvenuti, ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Michael Fenech Adami pprezentata fl-14 ta’ Awissu 2003, fejn huwa eccepixxa illi l-ammont li qieghda titlob li jithallas s-socjeta attrici mhuwiex dovut mill-konvenut Michael Fenech Adami u dana peress illi sussegwenti ghall-iffirmar tal-kambjali mertu ta’ din il-kawza, l-konvenuta Angie Fenech Adami assumiet ir-responsabbilta’ ghal hlas ta’l-ammonti indikati fl-istess kambjali unikament u ad eskluzjoni ta’ kwalunkwe responsabbilta’ ta’ hlas mill-konvenut Michael Fenech Adami u fil-fatt il-kambjali mertu tal-kawza kienu gew sostitwiti b’kambjali ohra fejn l-konvenuta iffirmat l-istess bhala accettant li ghandha thallas l-ammonti indikati meta jimmaturaw l-kambjali. Dan l-arrangament sar wara li l-konvenuti isseparaw u l-vettura, li nharrgu ghaliha l-kambjali bhala hlas ta’l-istess, inzammet mill-konvenuta Angie Fenech Adami.

Ra n-nota ipprezentata fit-3 ta’ Dicembru 2003 li permezz taghha t-talba attrici giet ridotta ghal Lm78, bl-imghax mill-24 ta’ Settembru 2003, u dana stante pagament fil-mori tal-kawza ta’l-ammont ta’ Lm594, li minnhom Lm70 inqatghu mill-imghaxijiet u Lm524 mis-sorte.

Sema' x-xhieda ta’ Marcel Avellino in rappresentanza tas-socjeta attrici.

Ra l-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Gunju 2004, fejn id-difensuri tal-partijiet qabblu li l-kawza ghandha tithalla ghas-sentenza.

Ra li l-konvenuta Angie Fenech Adami baqghet ma ipprezentatx risposta skond il-ligi.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi l-konvenut Michael Fenech Adami qieghed isostni fl-eccezzjoni minnu imressqa illi d-dejn li jifforma l-mertu tal-kambjali kien gie assunt fl-intier tieghu mill-konvenuta Angie Fenech Adami li llum huwa legalment isseparat minnha, u inoltre li l-vettura li abbazi taghha inharrgu l-kambjali inzammet mill-istess konvenuta. Huwa jeccepixxi ukoll li kienu inharrgu kambjali godda li issostitwew dawk mertu ta' din il-kawza, liema kambjali gew iffirmati u accettati mill-konvenuta biss. Illi madanakollu l-konvenut qatt ma deher quddiem it-Tribunal u qatt ma xehed in sostenn ta'l-eccezzjonijiet minnu sollevati jew ressaq provi in konnessjoni ma'l-istess. Kwindi t-Tribunal jista' jistrieh biss fuq ix-xhieda ta' Marcel Avellino li xehed in rappresentanza tas-socjeta attrici. Dana x-xhud min-naha tieghu jichad illi qatt inharrgu xi kambjali godda u inoltre isostni illi s-socjeta attrici qatt ma giet infurmata illi l-konjugi Fenech Adami kienu isseperaw. Jikkonferma illi l-hlas ta' Lm594 fil-mori tal-kawza fil-fatt sar mill-konvenuta Angie Fenech Adami u dana permezz ta' cekk mahrug fuq isimha.

Illi mill-provi prodotti u senjatament kif johrog car mill-kambjali esebiti ma'l-avviz, l-kambjali mertu ta' din il-kawza kienu gew iffirmati miz-zewg konvenuti. Il-konvenut min-naha tieghu ma irnexxielux jipprova illi gew mahruga xi kambjali ohra li issostitwew dawk esebiti u lanqas biss iressaq prova dwar dak allegat minnu u cioe' illi huwa illum separat minn martu u li il-vettura illum tinsab fil-pussess taghha.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju illi ma'l-iffirmar tal-kambjali mertu tal-kawza, iz-zewg konvenuti assumew id-dejn inkorporat fihom u dana indipendentement min-negozju tax-xiri tal-vettura li illum jidher mill-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, li giet assenjata lill-konvenuta wara s-separazzjoni tal-konjugi Fenech Adami. Is-socjeta attrici, madanakollu ma hijiex marbuta mal-ftehim milhuq bejn il-konjugi Fenech Adami. Il-kambjali ghadhom jezistu bhala kuntratt fih innifsu iffirmat miz-zewg konvenuti u kwindi r-responsabbilta' ghal hlas ta'l-istess ghadu jinkombi fuqhom it-tnejn. Il-fatt illi l-pagament ta' Lm594 fil-mori tal-kawza gie effetwat mill-konvenuta ma ibbidel xejn minn

dan kollu u ma jezentax lill-konvenut mir-responsabbilta' ghal hlas li fadal tal-bilanc, imghaxijiet u spejjez.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li ra n-nota tas-socjeta attrici tat-3 ta' Dicembru 2003, jilqa' t-talba attrici kif ridotta u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' tmienja u sebghin lira Maltin (Lm78), bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' Settembru 2003.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------